MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 352/2007

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Clyde u Tracy mizzewgin Debono (ID 264573M u 24576M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li bih is-socjeta’ rikorrenti premettiet:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Isabelle Gonzi datat 16 ta' Dicembru 2002 (Dok. A) is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Clyde u Tracy mizzewgin Debono;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Clyde u Tracy mizzewgin Debono fis-somma ta' sebgha u tletin elf u tlett Liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm37,003.84)

(ekwivalenti ghall-€86,195.76) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Clyde u Tracy mizzewgin Debono mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B", "C", "D1 sa D2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-10 ta' Marzu 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebiti bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Clyde u Tracy mizzewgin Debono;

(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Clyde u Tracy mizzewgin Debono li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fit-22 ta' Novembru 2006 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "E", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Clyde u Tracy mizzewgin Debono (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis--socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Clyde u Tracy mizzewgin Debono li

jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

Tikkundanna lil Clyde u Tracy mizzewgin Debono jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u tletin elf, u tlett Liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm37,003.84) (ekwivalenti ghall-€86,195.76) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Clyde u Tracy mizzewgin Debono mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B", "C", "D1 sa D2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-10 ta' Marzu 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fit-22 ta' Novembru 2006 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' rikorrenti;

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata jew nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' rikorrenti inkluz l-affidavits ipprezentati u dik ta' Joseph Borg Cardona tas-7 ta' Dicembru 2007.

Semghet l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti;

Rat li l-konvenuti msejha diversi drabi baqghu ma dehrux u ghalhekk baqghu kontumaci.

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Illi ghalhekk fil-kontumacja tal-intimati din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat b'dan illi:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Clyde u Tracy mizzewgin Debono (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Clyde u Tracy mizzewgin Debono li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Clyde u Tracy mizzewgin Debono jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u tletin elf, u tlett Liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm37,003.84) (ekwivalenti ghall-€86,195.76) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Clyde u Tracy mizzewgin Debono mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B", "C", "D1 sa D2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-10 ta' Marzu 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

BI-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fit-22 ta' Novembru 2006 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------